**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Jannar 2022

Rikors Numru: 107/19 AL

**A B**

Vs

**C B nee D**

M.R. nru. 2056/2009

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fl-4 ta' Marzu 2019 li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-partijiet kienu żżewġu fit-tmintax (18) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u disa’ (2009) u dan kif inhu evidenzjat miċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħhom hawn anness u mmarkat bħala Dok JM1;

2. Illi l-partijiet huma personalment separati minn xulxin skond kif deċiż permezz tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet “A B et noe vs C B” (Rik. Nru 229/2014 RGM) datata 25 ta’ Mejju 2017 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. JM 2) konfermata f’ dan ir-rigward mill-Onor. Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza mogħtija fl-istess ismijiet u datata erbatax (14) ta’ Diċembru, elfejn u tmintax (2018) (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. JM 3).

3. Illi minn dan iż-żwieġ tagħhom il-partijiet kellhom tifel bl-isem ta’ E li għal raġunijiet mogħtija fl-istess sentenzi surreferiti jinsab taħt il-kura u l-kustodja esklussiva tal-istess esponenti mingħajr ebda pretensjonijiet ta’ manteniment bejn il-partijiet fil-konfrontta’ xulxin anke fir-rigward tal-istess minuri.

4. Illi skont ukoll l-istess sentenzi surreferiti m’hemm l-ebda manteniment dovut minn parti lill-oħra u dana għaliex l-ebda parti ma kellha pretiża f’ dan is-sens fil-konfront tal-oħra u wkoll għaliex l-esponenti sa minn dejjem rabba lill-minuri E waħdu bil-għajnuna tal-familja paterna.

5. Illi konsegwentement l-esponenti jiddikjara li l-ebda manteniment m’hu dovut u allura ma hemm l-ebda pretenzjonijiet reċiproċi dwar manteniment.

6. Illi kif jirriżulta wkoll kemm mis-sentenzi surreferiti u kif ukoll mis-sentenza mogħtija wkoll minn dina l-Qorti fit-tletin (30) ta’ Novembru, elfejn u sittax (2016) ukoll fl-ismijiet “A B vs C B et noe” (Rik. Nru. 283/2015) konċernanti d-denegata paternita’ ta’ minuri li twieldet minn relazzjoni bejn l-intimata u terza persuna (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. JM 4), il-partijiet ilhom de facto separati għal ferm aktar minn erba’ snin.

7. Illi m’hemm ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta’ Marzu, 2019;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma weġbitx u ma dehritx ghal dawn il-proċeduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn sitt (6) snin ;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-

Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.